MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Numru 322/1999

Il-Pulizija
(Spettur Tarcisio Pulis)
vs
Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija Raymond Cucciardi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 321863(M) u Vincent Cucciardi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 212559(M), li permezz tieghu huma gew akkuzati talli fit-2 ta' Mejju, 1993 ghall-habta ta' l-4.30p.m. go l-Isla ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edwin Vella minn Bormla u ferita ta' natura hafifa fuq Charles Vella mir-Rahal Gdid;

Lil Vincent Cucciardi u Raymond Cucciardi talli huma recidivi b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi bi ksur ta' l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tad-19 ta’ Dicembru, 1995 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
fil-konfront ta’ Raymond Cucciardi biss :
Fl-Artikoli 216(1) (a) (i) (ii) (iii) (iv) (b) (c) (d), 2, 221 tal-Kodici Kriminali, 49 tal-Kodici Kriminali, 533 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta’ Vincent Cucciardi biss :
Fl-Artikoli 216(1) (a) (i) (ii) (iii) (iv) (b) (c) (d), 2, 221 tal-Kodici Kriminali, 49 tal-Kodici Kriminali, 533 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta’ Stephen Cucciardi biss :
Fl-Artikoli 216(1) (a) (i) (ii) (iii) (iv) (b) (c) (d), 2, 221 tal-Kodici Kriminali, 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija f’din il-kawza fis-6 ta’ Novembru, 1997.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tat-30 ta’ Dicembru, 2001 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Tarcisio Pulis kontra Raymond Cucciardi, Vincent Cucciardi u Stephen Cucciardi u dan wara appell illi gie interpost mill-imputati odjerni.

Illi precizament kienu Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi illi appellaw ghaliex l-imputat l-iehor gie liberat mill-akkuzi kollha mibjuba kontra tieghu.

Illi permezz ta’ din is-sentenza il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet annullat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u dana peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kienitx ivverbalizzat illi kienet saret id-domanda u x’kienet fil-fatt ir-risposta ta’ kull wiehed mill-imputati. Ghaldaqstant il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali iddikjarat illi l-proceduri kollha li saru wara s-seduta tat-30 ta’ April, 1996 quddiem l-ewwel Qorti inkluza ukoll s-sentenza meritu ta’ l-Appell huma nulli u bla effett fil-Ligi qeghdin jigu dikjarati bhala tali. Konsegwentement

l-atti qeghdin jintbaghtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-Ligi b'dan illi l-posizzjoni ghandha tittiehed minn kif kienet wara li l-ewwel Onorabbli Qorti irceviet r-rinviju illi hemm a fol. 182 tal-process.

Illi l-Magistrat Dr Noel Cuschieri astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza u dana permezz ta' digriet tat-2 ta' Novembru 2001 peress illi huwa kien diga esprima opinjoni u ta' l-gudizzju tieghu f'dan il-kaz permezz tas-sentenza datata 6 ta' Novembru, 1997. Ghaldaqstant l-atti intbaghtu lura lir-Registratur tal-Qorti u gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Illi fl-10 ta' Ottubru, 2002 il-Qorti staqsiet liz-zewg imputati Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi jekk ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u dana wara li inqratilhom in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-14 ta' Dicembru, 1995 u tathom iz-zmien xieraq biex iwiegbu l-istess mistoqsija, l-imputati wiegbu li huma ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Il-Qorti semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet ukoll it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi huma bazati fuq ir-reati ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna, offiza ta' natura hafifa u fil-konfront ta' Raymond u Vincent Cucciardi ukoll fuq recidivita.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta illi fit-2 ta' Mejju, 1993 fil-hin u lok imsemmi fl-imputazzjoni waqt li Edwin Vella kien qieghed jithadded ma persuni ohra madwar mejda go bar fl-Isla dan gie avvicinat mill-imputati. Stephen u Raymond Cucciardi. Minghajr ebda

provokazzjoni da parti ta' Edwin Vella Raymond Cucciardi tah daqqa ta' tazza go rasu u l-imputat Vincent Cucciardi tah daqqa ta' flixkun go mohhu b'rizultat li Vella sofra griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 (1) (b) u 216 (1) (d) tal-Kap. 9. Ghaldaqstant fil-konfront ta' l-imputati Raymond Cucciardi u Vincent Cucciardi il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova ir-reat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edwin Vella.

Irrizulta ukoll fil-konfront ta' l-imputati Raymond u Vincent Cucciardi li huma recidivi a tenur ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

Illi l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi meta sehh l-allegat reat sal-lum ghaddew hdax-il sena u l-imputati jidhru illi illum il-gurnata irriformaw ruhhom, ghandhom impjieg fis u ukoll ghandhom familja. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi fic-cirkostanzi tal-lum piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannahom kull wiehed ghall-prigunerija ghal zmien sitt xhur, pero' tordna illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 din il-prigunerija ma ghandhiex tibda isehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sena mil-lum l-imputati Raymond Cucciardi, u / jew Vincent Cucciardi jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operativ ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------